# KULLEĠĠ SAN BENEDITTU
# Skola Sekondarja, Ħal Kirkop

| Marka |
|---|
| |

## EŻAMI TA' NOFS IS-SENA – 2014/2015

**Livelli 5-8**

**IT-TIENI SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**L-Isem:** ________________________________ **Il-Klassi:** ___________

**TAQSIMA A**

**IŻ-ŻERRIEGĦA LI TAGĦTI L-FROTT**

**IL-MAGĦMUDIJA**

**Qabbel l-ewwel KOLONNA A ma' KOLONNA B:** **(10 marki)**

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1 | Permezz tal-Magħmudija aħna nsiru | | jissejħu katekumeni. |
| 2 | Il-Magħmudija hija l-ewwel | | l-post fejn wieħed jiġi mgħammed. |
| 3 | Dawk li jkunu ser jirċievu l-Magħmudija | | biż-żejt tal-Katekumeni u tal-Griżma. |
| 4 | Fil-Magħmudija jintuża l-ilma | | mis-seba' sagramenti. |
| 5 | Battisteru huwa | | tfisser li issa huwa ġie mnaddaf mid-dnub u beda ħajja ġdida fi Kristu trasfigurat. |
| 6 | Dawk li jitgħammdu jiġu midluka | | ulied Alla. |
| 7 | Il-parrini huma dawk li flimkien mal-ġenituri | | bħala simbolu tat-tindif mid-dnub. |
| 8 | Il-blandun huwa | | l-Ispirtu s-Santu jinżel jgħammar fina. |
| 9 | Il-libsa l-bajda li jitlibbes il-katekumenu | | jgħinu lit-tarbija tikber fil-fidi nisranija. |
| 10 | Meta nirċievu l-Magħmudija | | simbolu tad-dawl li jagħti Kristu rxoxt. |

**Aqra din is-silta.** **(12-il marka)**



Mbagħad ġie Ġesù mill-Galilija lejn il-Ġordan għand Ġwanni biex jitgħammed minnu.

Ġesù, wara li tgħammed, minnufih tala' mill-ilma; u ara, is-smewwiet infetħu, u ra l-Ispirtu ta' Alla nieżel qisu ħamiema u ġej għal fuqu. U mis-smewwiet instama' leħen jgħid: "Dan hu Ibni l-għażiż: fih sibt l-għaxqa tiegħi."

(Mattew 3, 13, 16-17)

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.**

11. Din il-ġrajja tkellimna dwar (il-miġja tal-Ispirtu s-Santu fuq Ġesù, Ġwanni l-battista, il-magħmudija ta' Ġesù). (marka)
12. Din is-silta nsibuha fl-Evanġelju ta' San (Mark, Luqa, Mattew). (marka)

**Wieġeb fil-qosor.**

13. Fejn kien jgħammed Ġwanni l-battista?

_______________________________________________(marka)

14. X'ġara x'ħin Ġesù tala' mill-ilma?

_______________________________________________

_______________________________________________(2 marki)

15. X'qal il-leħen li kien ġej mis-smewwiet?

_______________________________________________

_______________________________________________(2 marki)

16. Ta' min kien il-leħen li nstema'?

_______________________________________________(marka)

17. F'madwar **tletin (30)** kelma ikteb dwar x'tista' tagħmel inti biex timxi wara Ġesù.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________(4 marki)

**TAQSIMA B**

**IL-GRIŻMA TAL-ISQOF**

**Imla l-vojt bil-kliem mogħti.** **(15-il marka)**



Meta wasal jum Għid il- ____________________, huma kienu lkoll flimkien f'post wieħed. F'daqqa waħda ġie mis- ______________ ħoss bħal ta' ___________ qawwi, u mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin. U dehrulhom ______________ qishom tan- ___________, li tqassmu u qagħdu fuq kull _______________ minnhom. Mtlew ilkoll bl- ____________________________________ u bdew ________________________b'ilsna oħra, skont ma l-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu. Atti 2, 1-4

| | | | |
|---|---|---|---|
| sema | Ispirtu s-Santu | ilsna | jitkellmu |
| nar | Ħamsin | wieħed | riħ |

(8 marki)

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.**

1. Meta l-Isqof jidilkilna moħħna biż-żejt tal-Griżma hu jgħid dan il-kliem:
   a) "Ħu l-Ispirtu s-Santu li niżel fuq l-Appostli."
   b) "Ħu s-siġill tad-don tal-Ispirtu s-Santu."
   c) "Ħu l-qawwa li Kristu jagħti permezz tal-Ispirtu s-Santu." (marka)
2. Il-kelma "Griżma" tfisser (don, qawwa, dilka). (marka)
3. L-appostli rċevew l-Ispirtu s-Santu nhar Għid (il-Kbir, il-Ħamsin, tal-Imwiet). (marka)
4. Semmi **erbgħa (4)** doni tal-Ispirtu s-Santu.
   a) ____________________________
   b) ____________________________
   c) ____________________________
   d) ____________________________ (4 marki)

## TAQSIMA C

**Ikteb madwar ħamsin (50) kelma.** **(5 marki)**

San Domenico Savio huwa ta' eżempju kif wieħed għandu jgħix il-ħajja nisranija. Uri kif int fuq l-eżempju tiegħu tista' tgħix il-ħajja nisranija tiegħek illum.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## TAQSIMA D

### NINŻLU FIL-FOND

### IL-FIDI U R-RAĠUNI

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** **(6 marki)**

1. Liema ktieb jagħmel parti mill-kotba tal-Għerf?
   a) Koħelet
   b) Numri
   c) Rut (marka)
2. Xi tfisser il-kelma fidi?
   a) trid tara biex temmen
   b) temmen mingħajr ma tara
   c) temmen bilfors (marka)
3. Biex wieħed isib lil Alla f'ħajtu jeħtieġ li juża
   a) il-fidi biss
   b) ir-raġuni biss
   c) il-fidi u r-raġuni (marka)
4. Il-fidi hi kontra r-raġuni u x-xjenza?
   a) Iva
   b) Le
   c) Iva u le (marka)
5. Fejn insibu dak li jrid Alla minna?
   a) Fil-ktieb tax-xjenza
   b) Fil-ktieb tal-astronomija
   c) Fil-Bibbja (marka)
6. Min qal: "Qalbna Mulej hi maħluqa għalik u ma tistrieħx jekk mhux fik".
   a) San Pawl
   b) Santu Wistin
   c) San Tumas (marka)

**TAQSIMA E**

**L-EWKARISTIJA**

**Imla l-vojt bil-kliem mogħti.** **(12-il marka)**

1. Ġesù ħallielna l- ______________________ biex fiha u biha jibqa' jġedded il- ____________ u l-qawmien tiegħu.



2. Fil-quddiesa l-insara ___________________ ma' Ġesù u miegħu jġeddu l- ______________ tagħhom m' _____________ u bejniethom.
3. L- ______________________hija Sagrament li ġġib l-għaqda fost l- ________________.
4. Il-frażi "jaqsmu l- ___________ bejniethom" tfisser jiċċelebraw l-quddiesa __________________.
5. Bil-frażi "l-________________ jum tal-ġimgħa" kienu jirreferu għall-jum tal- ___________ għax f'dan il-jum ____________ qam mill-mewt.

| | | | |
|---|---|---|---|
| jiltaqgħu | Ewkaristija | ħobż | mewt |
| Alla | Ġesù | insara | Ħadd |
| ewwel | quddiesa | flimkien | għaqda |

**TAQSIMA F**

**IS-SALMI**

**Imla l-vojt. L-ewwel ittra qed tingħata bħala għajnuna.** **(5 marki)**

1. Il-Ktieb tas-Salmi nsibuh fit-Testment il-**Q**______________.
2. David kiteb il-parti l-kbira tas-**S**________________.
3. Fil-**K**____________ tas-Salmi nsibu 150 salm.
4. Is-Salmi huma miktubin forma ta' **p**__________________.
5. Il-brevjar nistgħu nsejħulu wkoll il-**L**____________________ tas-Siegħat.

**TAQSIMA G**

**MATUL IL-MIXJA TA' ĦAJJITNA**

**ĠESÙ BĦALA MUDELL**

**Aqra din is-silta.** **(10 marki)**

Kif ra l-folol, Ġesù tala' fuq il-muntanja, qagħad bilqiegħda, u resqu lejh id-dixxipli tiegħu. Fetaħ fommu u qabad jgħallimhom u jgħid:
"Ħenjin il-foqra fl-ispirtu, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.
Ħenjin l-imnikkta, għax huma jkunu mfarrġa.
Ħenjin ta' qalbhom ħelwa, għax huma jkollhom b'wirthom l-art."
Mattew 5, 1-5



**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.**

1. Din is-silta nsibuha fl-Evanġelju ta' San (Ġwann, Mattew, Luqa). (marka)
2. "Ħenjin (il-foqra, l-għorrief, iż-żgħar) fl-ispirtu, għax tagħhom hija (is-sema, is-Saltna, is-sbuħija) tas-Smewwiet." (2 marki)
3. Dan il-kliem ta' (Mattew, Ġesù, l-evanġelista) nirreferu għalih bħala d-diskors (tal-Mulej, tal-ħniena, tal-muntanja). (2 marki)
4. Meta Ġesù qagħad bilqiegħda resqu lejh (l-anzjani, id-dixxipli, uliedu) biex jisimgħuh. (marka)

**Wieġeb dawn.**

5. Għal min qed jirreferi Ġesù meta jsemmi lil dawk ta' qalbhom ħelwa?

____________________________________________________________

____________________________________________________________(2 marki)

6. X'inhu l-ħlas li Alla jagħti lil dawk li jgħixu skont dan il-kliem ta' Ġesù?

____________________________________________________________

____________________________________________________________(2 marki)

**TAQSIMA H**

**ULIED ABRAHAM**

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qed tingħata bħala għajnuna.** **(5 marki)**

1. Il-kelma "monoteiżmu" tfisser twemmin f'**A**_____________ wieħed. (marka)

2. It-tliet reliġjonijiet li jemmnu f'Alla wieħed huma il-**K**____________________________, il-**Ġ**________________________ u l-**I**____________________. (3 marki)

3. Dawn it-tliet reliġjonijiet iqisu lil **A**______________________ bħala l-missier tagħhom fil-fidi. (marka)

**TAQSIMA I**

**ĠUDAIŻMU U IŻLAM**

**Qabbel KOLONNA A ma' KOLONNA B.** **(10 marki)**

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1 | Darba f'ħajjithom il-Musulmani jridu jagħmlu pellegrinaġġ lejn | | Il-Lhud |
| 2 | Il-kotba mqaddsa tal-Lhud. | | Il-Ġimgħa |
| 3 | Il-ktieb qaddis tal-Musulmani. | | Il-Musulmani |
| 4 | Il-ġurnata qaddisa tal-Lhud. | | Il-Qu'ran |
| 5 | Ir-reliġjon tal-Musulmani. | | Muħammed |
| 6 | In-nies li jħaddnu l-Iżlam. | | Mekka |
| 7 | Dawk li jħaddnu l-Ġudaiżmu. | | Is-Sinagoga |
| 8 | Il-jum qaddis tal-Musulmani. | | L-Iżlam |
| 9 | Il-post fejn jitolbu l-Lhud. | | Is-Sibt |
| 10 | Dak li waqqaf l-Iżlam. | | It-Torah |

**TAQSIMA J**

**L-ESPERJENZA MIKTUBA**

**Wieġeb dawn billi tagħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** **(5 marki)**

1. Fil-Bibbja nsibu (71, 72, 73) ktieb. (marka)
2. L-ewwel parti tal-Bibbja tissejjaħ it-Testment (tal-Mulej, il-Qadim, il-Ġdid). (marka)
3. L-awtur tal-Bibbja huwa (Alla, il-profeta, Ġesù). (marka)
4. Fit-Testment il-Ġdid insibu (20, 24, 27) ktieb. (marka)
5. L-aħħar ktieb tal-Bibbja jismu il-Ktieb (tal-Ġenesi, tal-Evanġelju, tal-Apokalissi). (marka)

**TAQSIMA K**

**Ikteb madwar ħamsin (50) kelma.** **(5 marki)**

Ġesù qalilna li, "Henjin dawk li jġibu l-paċi, għax huma jissejjħu wlied Alla." Uri kif inti tista' tkun strument li ġġib u żżomm il-paċi kull fejn tkun.



**TMIEM**